# IL-ĦAMES PARTI
# APPELLI KRIMINALI
# (Sede Inferjuri)

**9 ta' Jannar, 1992**

**Imħallef: –**

**Onor. Victor Caruana Colombo LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

John Vella

**Natura ta' Ċittazzjoni – Nullità tal-Proċeduri – Preskrizzjoni**

*Iċ-ċitazzjoni ma hiex il-bażi essenzjali ta' l-imputazzjoni, iżda sempliċi ordni lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti. Il-kawża ma tibdiex biċ-ċitazzjoni iżda bil-qari tar-rapport jew tal-fatti quddiem il-Qorti mill-uffiċjali prosekutur.*

*Ir-reat ta' feriti fuq il-persuna hu delitt u għalhekk preskrivibbli bit-trapass ta' sentejn.*

Il-Qorti: –

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija kontra l-imputat talli f'San Ġiljan fil-lejl tal-15 ta' April, 1989 volontarjament kiser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes, għajat u ġlied; (2) barra minn dan ħebb għal Emanuel Genovese, u kkaġunalu

feriti ta' natura ħafifa skond ma ċċertifika Dr. Anthony Zammit M.D. ta' No. 8 Sawmill Street, Msida;

Rat is-sentenza tat-28 ta' Novembru, 1989 li biha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ddeċidiet testwalment hekk:

illi jirriżulta vjolazzjoni ta' l-art. 339(2) Kap. 9 u 338 (dd) ta' l-istess Kap;

Għaldaqstant issib lill-imputat ħati skond l-imsemmija artikoli iżda tilliberah bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sitt xhur millum a tenur ta' l-art. 152 Kap. 9";

Rat ir-rikors ta' l-appell li bih l-imputat talab it-tħassir ta' dik is-sentenza u l-liberazzjoni tiegħu minn kull piena u ħtija;

Rat l-atti l-oħrajn, semgħet ix-xhieda u t-trattazzjoni u kkunsidrat illi:

1. L-aggravji ta' l-appellant huma (a) li l-proċeduri quddiem l-ewwel Qorti, inkluża s-sentenza tagħha, huma nulli stante li l-appellant qatt ma kien ġie nnotifikat bl-imputazzjonijiet; (b) li l-azzjoni Kriminali hija preskritta skond l-artikoli 668(f) (*recte* 688(f) ) tal-Kap. 9; u (ċ) li ma kellux jinsab ħati ta' l-akkużi dedotti;

2. Kwantu għall-ewwel aggravju, il-liġi tiddisponi dwar x'għandu jkun fiha ċ-ċitazzjoni. B'danakollu ġie dejjem ritenut mill-Qrati tagħna li ċ-ċitazzjoni mhix ħlief sempliċi ordni lill-imputat biex, jidher quddiem il-Qorti. Iċ-ċitazzjoni mhix il-bażi essenzjali ta' l-imputazzjoni. *"La vera imputazzione si deduce contra l'imputato dalla prosecuzione dinanzi la Corte stessa"*.

Il-kawża bejn il-prosekuzzjoni u l-imputat ma tibdiex biċ-ċitazzjoni, iżda bil-qari tar-rapport jew tal-fatti quddiem il-Qorti mill-uffiċjal prosekutur (ara n-noti fuq il-Proċedura Kriminali tal-Professur A.J. Mamo taħt *"Summary Proceedings"*);

3. Mill-proċess jirriżulta li fis-6 ta' Settembru, 1989 l-imputat deher quddiem l-ewwel Qorti, u talab differiment tal-kawża. Wieħed għandu jifhem li s-6 ta' Settembru, 1989 kienet id-data ta' l-ewwel smigħ tal-kawża quddiem l-ewwel Qorti. Ma rriżultax li l-appellant kien ġie nnotifikat b'xi att tal-proċediment qabel dakinhar. Għalhekk jiġi li hu ġie nnotifikat l-ewwel darba bl-imputazzjonijiet odjerni fis-6 ta' Settembru, 1989. Ir-reati dedotti kontra l-appellant kienu allegatement ġew kommessi fil-15 ta' April, 1989, ċjoè aktar minn tliet xhur qabel id-data tas-smigħ imsemmi;

4. Mill-premess jirriżulta li ma hemm ebda nullità tal-proċediment għar-raġuni ndikata mill-appellant. Jirriżulta wkoll li l-azzjoni dwar ir-reat dedott rigward il-ksur tal-mistrieħ tan-nies, billi huwa kontravenzjoni, kienet ġiet preskritta bl-egħluq ta' tliet xhur a tenur ta' l-artikolu 688(f) Kap. 9;

5. Ir-reat dedott rigwardanti l-feriti fuq il-persuna huwa delitt u għalhekk l-azzjoni kriminali relattiva hija preskrivibbli bit-trapess ta' sentejn (artikolu 688(e) Kap. 9). Din l-azzjoni dwar dan ir-reat ma ġietx għalhekk f'dan il-każ preskritta;

6. Fis-sentenza appellata, però, ma jidhirx li l-appellant ġie misjub ħati ta' feriti fuq il-persuna ta' Genovese, dedotti fit-tieni imputazzjoni. Di fatti huwa ġie misjub ħati biss li kien ivvjola l-artikoli 339(2) u 338(dd) tal-Kapitolu 9. Ebda wieħed minn dawn l-artikoli ma jikkontempla r-reat fit-tieni

imputazzjoni;

Għal dawn il-motivi tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellant mill-imputazzjoni u mill-piena.